MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2006

Numru 143/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**
**Spettur Therese Sciberras**
**V**

**SAMUEL BONNICI**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **SAMUEL BONNICI** ta’ tmintax il-sena, bin Emanuel u Maria nee Zammit, imwieled Pieta nhar l-erbatax ta’ Frar 1988 u residenti 'Emmar', Triq s-Sardin, Burmarrad, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 95488M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta’ bejn l-ghaxra w il-hdax ta’ Frar 2006, gewwa l-Imgarr, f’xi hin bejn nofs il-lejl w t-tlieta ta’ filghodu, xjentement, jew b’negligenza, nuqqas ta’ hila jew t’osservazzjoni tar-regolamenti, kkaguna dannu lil jew

qered proprjeta kulturali u cioe statwa li taghmel parti mill-knisja tal-Imgarr, sew jekk tali proprjeta kulturali tkun sew jekk ma tkunx registrata f'xi nventarju.

2. Talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe hsara fl-istatwa li tifforma parti mill-knisja parrokkjali tal-Imgarr, liema hsara tiskorri l-elf lira maltin ghad-dannu tad-Djocesi Eklesjastika, kif wkoll hsarat ohra ghad-dannu tal-Kunsill Lokali tal-Imgarr, liema hsara teccedi l-mitt lira maltin izda inqas minn elf lira maltin.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita bil-ligi, tordna lil hati jhallas l-ispejjes peritali ta' din l-kawza ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Lulju 2006 sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja [fol 119].

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita ta' gudikatura kriminali kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Awissu 2006 [fol 131].

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-process verbal relattiv redatt mill-Magistrat Dottor Michael Mallia nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 1998 [fol 17 et seq tal-atti].

Rat il-verbal tas-seduta tal-ewwel ta' Marzu 2006 fejn din l-istess Qorti kkonfermat l-esperti kollha nominati fl-inkjesta Magisterjali [fol 13].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju w il-provi tad-difiza.

Ikkunsidrat;

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2006, **xehed Vincent Ciliberti** [fol 57] fejn qal li hu kien gie nominat sabiex jaghti stima tal-hsarat fl-istatwa tal-Madonna f'nicca fuq barra tal-knisja tal-Imgarr nhar l-hdax ta' Frar 2006 mill-Magistrat Dottor Michael Mallia. Ix-xhud ikkonferma li r-relazzjoni esibita fl-atti liema relazzjoni hija mmarkata bhala dokument VC [fol 22].

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2006, **rega' xehed Vincent Ciliberti** [fol 95] fejn qal li rrizultalu bla dubbju ta' xejn li l-materjal ta' taht l-istatwa kien maqtugh fis-sens li kien xahx u l-istatwa kienet qed isserrah fuq il-piz taghha stess. Qal li l-istatwa kienet tpoggiet fuq ftit xahx u ftit ilma. Spjega li r-*radius* ta' taht huwa ferm izghar mill-kumplament tar-*radius* tal-istatwa w ghalhekk l-*equilibrium* ta' l-istatwa ntilef. Qal li hu wasal ghal konkluzzjoni li l-istatwa seghet tinqaleb facilment, pero ma waqghetx bix-xejn, xi hadd kien messha biex waqghet. Zied jghid li ma kienx hemm bzonn forza straordinarja biex twaqqghet l-istatwa, ghalkemm kien riskjuz ghaliex l-istatwa ma kienetx marbuta, b'ebda mod. Qal li sinjali ta' korruzzjoni rrizultalu fuq l-istatwa. Qal li parti mill-istatwa kien miksur wkoll pero mhux fl-istess perjodu. Qal li meta hu mar fuq il-post, evidenza ta' minn ghamel r-reat ma kienx hemm. Qal li hdejn din l-istatwa kien hemm bank li kellu evidenza ta' tkissir fil-parti fejn wiehed jpoggi bil-qeghda, x'aktarx kien rizultat tal-waqa tal-istatwa.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2006, **xehed PS 964 Robert Scicluna** [fol 59] fejn ippresenta u halef r-relazzjoni tieghu li tikkonsisti f'disgha ritratti li giet mmarkata bhala dokument SOCO [fol 61].

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2006, **xehdet Christine Falzon** [fol 66] fejn qalet li tahdem bhala segretarja tal-Kunsill Lokali tal-Imgarr u esibit tlett stimi tal-hsarat li kien hemm fuq bankijiet tal-injam li jinsabu mal-knisja li gew immarkati bhala dokumenti A, B u C rispettivament [fol 68 et seq]. Qalet li ghalkemm hi esibit tlett stimi, hsara fuq bank wiehed biss kien hemm.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2006, **xehed PS 1133 Joseph Borg** [fol 72] fejn qal li nhar l-hdax ta' Frar 2006, waqt li kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija tal-Mosta, kien ircieva rapport ghal habta tal-hamsa w nofs ta' filghodu minghand il-Kappillan tal-parrocca tal-Imgarr, Father Joseph Fsadni, li meta mar biex jiftah l-knisja, sab li l-istatwa antika ta' Santa Marija li kienet f'nicca mal-gemb tal-knisja, maqluba mal-art. Il-Kappillan qallu wkoll li sussegwentement hu kien sab wkoll xi njam tal-bandli fejn ipoggu nies bil-qieghda, miksur ukoll. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PS [fol 74]. Zied jghid li ma kienx minnu li l-istatwa 'n kwistjoni setghet waqghet fuq il-bank u sussegwentement spiccat mal-art. Mistoqsi jekk hu osservax xi hag' ohra fl-ekwati, ix-xhud wiegeb li vicin l-istatwa kien hemm zewgt ifliexken tal-inbid, wiehed minnhom vojt u l-iehor bi ftit inbid fih, u xi erbgha fliexken tal-Isprite vojta. Kompla jghid li minn investigazzjoni preliminari ma sid hanut li jinsab faccata tal-istess statwa ta' Santa Marija, rrizulta li l-fliexken tal-inbid kienu nxtraw minn dan il-hanut maghruf bhala Tal-Ingliz.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2006, **xehed l-Ispettur Anthony Portelli** [fol 77] fejn qal li kien mar fuq il-post fejn sehh l-incident, l-ghada, peress li ma kienx gie assenjat dan il-kaz mill-ewwel. Qal li meta mar, sab l-istatwa li kienet impoggija fuq x-xahx mal-art. Qal li l-istatwa kienet boghod mill-art xi hames piedi u l-bank jinsab proprju taht l-istatwa. Mistoqsi jekk l-istatwa kellhiex diga xi hsarat, qal li minn informazzjoni li gabar rrizulta li kellha xi hsarat pero ezattament f'hiex kienet tikkonsisti l-hsara, qal li kien ahjar li jistaqsu lil patri.

Illi nhar l-ewwel ta' Marzu 2006, **xehdet Ispettur Therese Sciberras** [fol 79] fejn qalet li bejn l-ghaxra u l-hdax ta' Frar 2006, hi kienet giet infurmata minn Father Fsadni bhala Kappillan tal-knisjna tal-Imgarr, li kien hemm statwa li kienet fil-gemb tal-knisja li kienet spiccat mal-art. Hi kkonfermat l-firma fuq r-rapport li hejjiet lil Magistrat tal-ghassa esibit a fol 19 tal-atti. Mistoqsija jekk hi marritx fuq il-post tal-incident, ix-xhud wiegbet li marret u sabet l-istatwa miskura mal-art. Ziedet tghid li hdejn l-istatwa

hemm bank miksur ezatt taht in-nicca u kien hemm wkoll xi fliexken tax-xorb.

Illi nhar t-tlettax ta’ Marzu 2006 **xehed Father Joseph Fsadni** [fol 85] fejn qal li hu l-Kappillan tal-parrocca tal-knisja tal-Imgarr. Qal li s-Sibt, hdax ta’ Frar 2006, ghal habta tal-hamsa w ghoxrin ta’ filghodu, hu nizel, kif soltu jaghmel, lejn il-knisja w innota li kien hemm l-istatwa tal-Madonna li kienet miksura mal-art b’xi nies hdejha. Qal li din l-istatwa kien ilha hemmhekk zmien. Qal li xi zmien qabel ma hu sar Kappillan, kien hemm statwa miksura u kienet saret tal-gebel. Qal li qabel din l-istatwa li tkissret kienet tpoggiet fi knisja ohra li kienet inbniet fis-sena 1850 u meta saret il-knisja presenti, din l-istatwa tpoggiet maghha. Ix-xhud esibixxa estratt minn ktieb bl-isem ‘Imgarr’ minn Monsinjur Alwig Deguara li fuqu jidher ritratt tal-istatwa ‘n kwistjoni, li gie mmarkat bhala dokument S [fol 87] u ritratt iehor tal-istatwa ‘n kwistjoni li gie mmarkat bhala dokument T [fol 88].

Spjega li hu ilu Kappillan hemmhekk tlett snin. Qal li skond stima tal-iskultur Lawrence Attard, din l-istatwa tiswa elfejn, hamsa w ghoxrin lira maltin, liema stima giet esibita w immarkata bhala dokument Q [fol 90] u r-restawr taghha jiswa hames mija u hamsa w ghoxrin lira maltin, filwaqt li replika taghha tqum elf u hames mitt lira maltin. Qal li una volta din l-istatwa tigi rrangata, ma jistghux jergghu jpogguha fin-nicca fejn kienet. Spiega li l-imputat offra li jaghmel tajjeb ghal hsarat u restawr u cioe fl-ammont ta’ hames mija u hamsa w ghoxrin lira maltin kif indikat fid-dokument esibit bhala dokument Q [fol 90] tal-atti.

Illi nhar t-tlettax ta’ Marzu 2006 **xehed Jason Vella** [fol 91] fejn qal li bejn il-lejl ta’ bejn l-ghaxra w il-hdax ta’ Frar 2006, ghal habta ta’ nofs il-lejl hu kien fil-kumpanija tal-imputat li gharaf presenti fl-awla, u shabhom ohrajn fil-pjazza tal-Imgarr bilqeghda fuq bank hdejn il-knisja jithaddtu. Qal li f’xi hin, l-imputat qam bil-wieqfa fuq dahar il-bank u f’daqqa wahda semgha ‘*ara x’hemm…*’ u hu haseb li l-imputat kien ser jaqa u dar biex jilqghu u kif dar,

ra l-istatwa niezla. Qal li lil Kappillan qalulu b'dak li kienu raw.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2006, **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 97] fejn qal li hu ghandu dsatax il-sena w ilu jahdem ma missieru xi sena, fis-sens li jiftah l-*yard* u jaghti d-*diesel* lit-trakkijiet u jsewwi l-hsarat fuq ingenji fil-garaxx. Qal li missieru ghandu kumpanija ta' kostruzzjoni f'Burmarrad u ghandu wkoll barriera f'Had Dingli. Qal li ghandu zewg hutu akbar u li fiz-zmien tal-incident ma kellux tfajla. Zied jghid li dak z-zmien hu kien bla licenzja u bhas-soltu, kien mar siehbu Clayton ghalih u marru ghal Stacey u Elaine d-dar taghhom pero din tal-ahhar kienet marida dakinhar u ma hargitx. Kompla jghid li l-bar ta' faccata tal-knisja kien ser jaghlaq u ghalhekk shabu qaghdu fil-bar filwaqt li hu u Stacey marru ghal dawra mal-knisja. Kompla jghid li ftit wara hu rritorna hdejn shabu li qalulu biex imorru jixtru zewg flixken inbid u qaghdu fuq l-bankijiet taz-zuntier. Qal li hu u Jason qaghdu fuq bank u l-ohrajn qaghdu fuq iehor. Qal li fil-*weekend* dejjem hemm ikunu. Zied jghid li hadd minnhom ma kien qed jitkessah. Qal li f'hin minnhom hu tela' fuq il-bank ghal xejn b'xejn, dar wiccu 'l barra u "*<u>meta kont ser indur, kont ser naqa u qbadt mal-kolonna, qisni qbadt l-istatwa fis-side biex ma naqax lura. Il-kolonna nqalghet u giet ghal fuqi u jien qbizt lil hemm.</u>*"

L-imputat kompla jghid li Jason kien tahtha u kien ser izommha pero beza' u telaq lil hinn. Qal li huma bezghu u telqu minn fuq il-post, hu, Stacey u Clayton bil-karozza ta' Clayton filwaqt li Jason u Manuel telqu bil-mixi. Qal li sussegwentement rega' ltaqa ma Manuel u marru l-Gnejna u cempel lil Jason u baqghu sejrin fi trejqa fir-raba ghaliex bezghu, u wara telqu d-dar peress li d-dar ghandu dixxiplina hafna u allura ried jidhol fil-hin. Mistoqsi kemm hemm distanza bejn l-istatwa u l-bank ix-xhud wiegeb li hemm xi ghaxar jew hmistax il-centimetru. Stqarr li hu m'ghamilx hekk apposta. Qal wkoll li hu jbati minn *dyslexia* u kien ghalhekk li ma baqax imur skola.

In kontr'ezami, mistoqsi kemm kien xorob dakinhar, l-imputat wiegeb li kien xorob tlett grokkijiet JB, xorb iehor

ma xorobx. Mistoqsi jekk l-inbid li xtraw, lahqux xorbuh, ix-xhud wiegeb li ma jidhirlux w ghalkemm Clayton, Jason u Manuel xorbu l-nbid dakinhar, hu ma xorobx. Spjega li hu tela fuq dahar il-bank u serrah mal-hajt u zamm mal-gwarnic biex tela hemm. Qal li kien ser jaqa kif kien ser idur u qabad mal-istatwa. Ikkonferma li hu kien f'sensih dak l-hin.

Illi nhar t-tmienja ta' Mejju 2006 **xehed Emanuel Bonnici** [fol 101] fejn qal li hu missier l-imputat odjern u li t-tfal tieghu kollha jahdmu mieghu. Spjega li l-imputat jahdem *bhala store keeper* u jiehu hsieb l-hanut li hu ghandu f'Burmarrad stess. Qal li hu jimporta makkinarju. Spjega li hu ma kienx presenti waqt l-incident in kwistjoni u sar jaf bih xi jumejn wara ghaliex kien cempel lis-Sindku tal-Imgarr u dan kien laqqghu mal-Kappillan filghaxija dakinhar stess. Qal li meta tkellem mal-Kappillan hu kien qallu li kien lest li jhallas l-hsarat li wettaq ibnu u kien ghadu lest li jaghmel dan sa dakinhar. Qal li ibnu fil-passat qatt ma tah xi nkwiet, kien dejjem obbidjenti u li hu *dyslexic* w ghalhekk kellu xi problemi l-iskola fejn kien imur u cioe St. Martin's fejn anke kellu *facilitator* mieghu. Qal li hu kien hadu ghand specjalista dwar din il-problema ta' *dyslexia*.

Illi fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Awissu 2006, il-prosekuzzjoni esibit ricevuta tal-hsarat kagjonati fl-istatwa li giet mmarkata bhala dokument Z [fol 133]. Minn ezami tal-istess jirrizulta li ghar-restawr tal-istatwa tinhtieg spiza komplessiva ta' hames mija u hamsa w ghoxrin lira maltin filwaqt li biex issir replika taghha tinhtieg spiza ta' elf u hames mitt lira maltin.

Rat dak li gie verbalizzat mid-difiza u cioe li l-imputat huwa dispost li jhallas lil knisja tal-Imgarr, s-somma ta' hames mitt lira maltin rappresentanti r-restawr tal-istatwa antika kif deskritt fid-dokument Z [fol 133] rilaxxjat minn Lawrence Attard, skultur minn B'Kara, rappresentanti l-hsarat minnu kagjonati.

Rat li l-imputat, fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin ta' Awissu 2006 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, ghadda s-

somma ta’ hames mitt lira maltin lil ufficjal prosekutur ghas-saldu tal-ispejjes involuti.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju mill-provi prodotti li kien l-imputat li waqqa l-istatwa ‘n kwistjoni pero mhux b’mod volut jew intenzjonat w ghalhekk l-akkuza ta’ hsara voluntarja ma tirrizultax ippruvata, lanqas remotament.

Dwar l-akkuza l-ohra, u cioe li l-imputat b’negligenza ikkaguna hsarat involuntarji ghad-dannu tal-knisja tal-Imgarr, din tirrizulta ppruvata sodisfacentement u dan ghaliex l-imputat qatt ma messu qaghad bil-wieqfa fuq dar il-bank tal-injam.

Illi ghalhekk, **il-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 53(1)(a) tal-Kap 445 u l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat SAMUEL BONNICI tal-akkuza ta’ hsara voluntarja u tilliberah minnha filwaqt li tiddikjara li ssibu hati talli b’negligenza kkaguna hsarat ghad-dannu tal-knisja tal-Imgarr u tiddeciedi li tpoggih taht is-supervizzjoni ta’ Ufficjal tal-Probation ghal perjodu ta’ sentejn [2] mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Il-Qorti dan ghamlitu wara li qisiet il-fatti specie tal-kaz u cioe li l-incident kien wiehed izolat, pero thoss li forsi jkun ahjar sabiex jibqa fit-triq t-tajba, stante l-eta tenera tieghu, li jigi ggwidat minn Ufficjal tal-Probation, molto piu meta l-Qorti qiset li l-imputat telaq mill-iskola kmieni u li kien assistit minn facilitator l-iskola u ghalhekk thoss li tali supervizzjoni tista tkun ta’ ghajnuna ghal istess imputat.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti jew esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti**

**fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-perit tekniku Vincent Ciliberti [fol 33] u PC 964 Robert Scicluna [fol 65], fl-ammont komplessiv ta' mitejn u hames liri w ghaxar centezmi [LM205.10] u dan fi zmien tlett [3] xhur u fin-nuqqas jigu awtomatikament konvertiti fi prigunerija.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services Limited sabiex jigi nominat l-kandidat idoneju sabiex jiehu hsieb lil imputat probationer.**

**L-imputat probationer SAMUEL BONNICI u l-istess Ufficjal tal-Probation nominat ghandhom jidhru quddiem din il-Qorti darba kull sitt xhur sabiex din il-Qorti tkun tista tkompli ssegwi l-ordnijiet taghha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Anthony Portelli**
**Spettur Therese Sciberras**
**V**

**SAMUEL BONNICI**

**ORDNI TA' SUPERVIZZJONI**
**[Artikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum,……………………….. 2006**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmi **SAMUEL BONNICI gie mpoggi taht s-supervizzjoni ta' Ufficjal tal-Probation ghal perjodu ta' sentejn [2] mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Supervizzjoni;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' Supervizzjoni lil imputat probationer, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta w innutat li l-istess probationer wera li jrid jhares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna li** l-imsemmi **SAMUEL BONNICI** ta' tmintax il-sena, bin Emanuel u Maria nee Zammit, imwieled Pieta nhar l-erbatax ta' Frar 1988 u residenti 'Emmar', Triq s-Sardin, Burmarrad, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita numru 95488M **jitqieghed taht is-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti nominat u dan ghal perjodu ta' sentejn [2] mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu ta’ sentejn [2] imputat probationer ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;
2. Illi l-imputat probationer ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;
3. Illi l-imputat probationer ghandu minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;
4. Illi l-imputat probationer ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probation.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati, lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services kif wkoll lil Ufficjal Sorveljanti nominat skond s-sub artikolu 7(8) tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

……………………………..
**SAMUEL BONNICI**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------